

# il-hajja ta' kristu gesu'

**GESU' IQAJJEM LIL LAZZRU MILL-MEWT**

**GIOVANNI 11 versi 1 - 54**

Lazzru kien Lhudi jghix ma' zewgt hutu bniet, Marta u Marija fir-rahal jismu Betanja. Gesu' u l-familja ta' Lazzru kienu hbieb hafna. Jum wiehed Gesu' waslitlu l-ahbar li habibu Lazzru kien marid sew. Marta u Marija kienu jemmnu bis-shih li Gesu' jista' jghinhom. Jekk ghamel tant mirakli man-nies, zgur li ma kienx ser jaraha bi kbira biex jaghmel wiehed ma' huhom.

Imma Gesu' ma marx mill-ewwel u qal lid-dixxipli tieghu li l-marda ta' Lazzru ser isservi biex Alla jkun igglorifikat.

Kemm tnikktu l-ahwa, Marta u Marija x'hin stennew lil Gesu' u dan baqa' ma giex. Lazzru miet u wara li kebbewh fil-lizar difnu skond l-uzu tal-lhud.

Kien hemm hafna nies fid-dar taghhom jikkonfortawhom ghat-telfa ta' huhom Lazzru, imma l-akbar habib li xtaqu jkun prezenti, Gesu' ma deherx.

Ghaddew erbat ijiem u griet l-ahbar li Kristu kien riesaq lejn Betanja. Malli semghet dan, Marta marret tigri tilqghu u qaltlu: " Li kieku kont hawn zgur li hija ma kienx imut."

Gesu' li kien jaghraf il-qlub ra kemm swied il-qalb kienet qed iggarrab Marta u qalilha: "Marta huk iqum mill-imwiet."



“Jiena naf li hija ser iqum mill-imwiet u dan isehh meta il-mejtin kollha iqumu fl-ahhar jum,” wegbitu Marta.

U Gesu’ qalilha: “Jiena hu l-Qawmien u l-jhajja, min jemmen fija ma jmut qatt.  Dawk kollha li jemmnu fija ma jmutu qatt.  Tmemmnu dan?”.

“Iva Mulej, jiena nemmen dak kollu li tghid Inti,” wegbet Marta.  “Inti l-Verita’”

Imbaghad Marta marret tigri tghid lil ohtha li Gesu’ gie Betanja.  Marija telqet tigri mid-dar u hi wkoll marret tiltaqa’ ma’ Gesu’.  Gesu’ hass dispjacir wkoll ghall-mewt ta’ Lazzru u is-sofferenzi li kienu ghaddejnin l-ahwa minnhom. Ghalhekk staqsiehom:  "Fejn qegħedtuh?".

Huma weġbuh: "Mulej, ejja u ara."  U Ġesù beka. Il-Lhud prezenti meta raw dak kollu li kien qed isehh quddiehom qalu: "Ara kemm kien iħobbu!"  Iżda xi wħud minnhom qalu: "Ma setax dan il-bniedem, li fetaħ għajnejn l-agħma, jagħmel ukoll li dan ma jmutx.”

Gesu’ resaq fuq il-qabar li kin maghluq bi blata fuqu.  Huwa ordna li jnehhu l-blata. Marta, oħt il-mejjet, qaltlu: "Mulej, issa beda jrejjaħ; ġa ilu erbat ijiem mejjet."  Qalilha Ġesù: "Ma għedtlikx li jekk inti temmen, tara l-glorja ta' Alla?"  Mbagħad neħħew il-blata.  U ghajjat: “Lazzru, ohrog.”

U Lazzru li kien mejjet ħareġ, b'idejh u riġlejh infaxxati u b'maktur ma' wiċċu. Ġesù qalilhom: "Ħollulu l-faxex u ħalluh imur."

U hafna Lhud emmnu fi Kristu. U l-Iskbri u l-Farizej semghu b’dak li kien ghamel il-Mulej Gesu’. Minn dak in-nhar bdew jippjanaw kif ser joqtluh.

## RIFLESSJONI

Lazzru kien habib ta’ Kristu. Kien jilqghu ghandu u anke kiel ghandu. Anke ahna msejha biex inkunu hbieb ta’ Kristu. Ma jisfurzanhiex biex inkunu hbieb tieghu.  Jistedinna biex inkunu hbieb tieghu.

Accetta din il-hbiberija ma’ Kristu u tara x’differenza taghmel f’hajtek. Kristu jitolbok biss li timxi warajh jekk taghzel il-hbiberija mieghu. Timxi wara Kristu jfisser li tisma’ u tipprattika l-Kelma tieghu, tersaq lejn il-Quddiesa u titqarben jekk jista’jkun kuljum.

X’inhu jzommok li tibqa’ lura?  Dak kollu li jfixkel il-hbiberija tieghek ma Kristu aharbu. Kristu u l-aqwa u l-akbar habib-----------ma jittradik u jabbandunak qatt.